Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2012

Numru 429/2004

**Il-Pulizija**
**(Spett. Maurice Curmi)**

**vs.**

**John Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni – kif emendata b'digriet ta' dina l-Qorti tal-14 ta' Frar 2007 - dedotta kontra John Ellul, bin John u Giuseppa nee Curmi, imwieled Paola fl-1 ta' Ottubru 1956, u li joqghod 13, Triq Isuard, Marsa, detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 684056(M)

Akkuzat talli:

Fit-8 ta' Awissu 2003, u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda

li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, irrenda ruhu komplici ma' Anthony Ellul fid-delitt ta' theddid bil-fomm b'delitt taht ordni jew kondizzjoni fuq Brenda Carabott.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Il-fatti saljenti ta' dawn il-proceduri huma s-segwenti:
1. L-imputat u huh Anthony sive Tony Ellul kienu jiffrekwentaw il-hanut tat-te u bar f'Kordin li kien gestit minn Brenda Carabott.

2. Brenda Carabott allegat li Tony Ellul ikkonvinciha tidhol f'xi forma ta' *life insurance policy*, u kien jitlobha thallas il-flus regolarment. Pero, skont din ix-xhud il-flus kien jigi jigborhom l-imputat mill-hanut. Skond ix-xhieda taghha hija hallset bejn LM7000 u LM8000.

3. Brenda Carabott xehdet li meta bdiet tghid lil Tony Ellul (hu l-imputat) li ma setghetx tkompli thallas dawk il-flus kollha, Tony Ellul beda jirrikattaha u jheddidha.

4. Skont Brenda Carabott, l-imputat qatt ma heddidha, hlief meta fl-ahhar qalet lil Tony Ellul li ma kinietx ser ittieh iktar flus. Hi xehdet li dak in-nhar l-imputat kien cemplilha u kemm l-imputat kif ukoll huh Tony, li kellimha wkoll minn fuq it-telefon, qalulha li *"nahilfu li inpattuielek."*[1] Dan hu korraborat ukoll mix-xhieda ta' Paola Carabott li gieli

[1] Ara xhieda ta' Brenda Carabott a fol. 34 *et seq.* tal-process.

kienet tkun prezenti meta l-imputat kien jigi l-hanut jigbor il-flus, li xehdet li qatt ma semghet lil l-imputat jhedded lil Brenda Carabott.[2]

5. Fix-xhieda tieghu,[3] l-imputat ammetta li huh Tony kien icempillu biex jiltaqa' ma' Brenda Carabott. L-imputat kien imur bil-karozza tieghu il-Fgura, fejn kien isib lil Brenda tistennieh, hu kien inizzel il-hgiega ta' kontra l-isteering, u hi kienet titfaghlu envelopp u isellmu lil xulxin u jitlaq. Imbaghad l-imputat kien imur id-dar ta' huh Tony u jitfa' l-envelopp fil-letter box tad-dar, u fil-letter box Tony kien ihallilu xi LM5.00 jew LM10.00 biex jehodhom hu, cioe l-imputat.

6. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid li hu ma kienx jaf x'ikun fih l-envelopp li Brenda kienet tatih biex itih lil huh Tony. Hu xehed li qatt ma staqsa lil huh x'kien ghaddej bejnu, cioe huh u bejn Brenda, u r-raguni ghaliex Brenda kienet qed tghaddilu perjodikament dak l-envelop biex jaghtih lil huh – l-importanti ghalih kien li jsib dik il-LM5.00 jew LM10.00 fil-letter box. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jichad li hu qatt xi darba hedded lil Brenda Carabott.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

L-imputat jinsab akkuzat *inter alia* talli irrenda ruhu komplici ma' Anthony Ellul fid-delitt ta' theddid bil-fomm b'delitt taht ordni jew kondizzjoni fuq Brenda Carabott. Ghalhekk id-delitt li l-imputat huwa akkuzat li rrenda ruhu komplici fih, hu dak kontemplat l-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9 li jippreskrivi illi: *"Kemm-il darba flimkien mat-theddid, ukoll fil-każ ta' theddid bil-fomm, ikun hemm ordni jew kondizzjoni, l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) biż-żieda tal-multa."*

Pero l-imputat ma hux akkuzat bid-delitt ta' theddid bil-fomm, imma b'<u>komplicita</u> fid-delitt ta' theddid bil-fomm kif kontemplat fl-Artikolu 249(2) tal-Kapitolu 9, u huwa palezi

[2] Ara xhieda ta' Paola Carabott a fol. 39 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' l-imputat a fol. 67 *et seq.* tal-process.

li din il-Qorti tista' biss tiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat ghal din l-imputazzjoni biss.

Kif jghid **Sir Anthony Mamo** fil-ktieb tieghu **Lectures in Criminal Law**: *"Now, the notion of participation in an offence implies that <u>one and same is the offence</u> committed, the subjects responsible therefore are several, and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence <u>must be shown to have intended one and the same offence</u> and to have done something towards committing it."*[4] (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz odjern, l-unika forma ta' komplicita li qieghed jigi akkuzat biha l-imputat hija dik tad-delitt ta' theddid bil-fomm, u ghaldaqstant sabiex tkun tista' tinsab htija, ghall-fini tal-proceduri odjerni, il-prosekuzzjoni trid tipprova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat irrenda ruhu komplici f'dan id-delitt.

Ladarba l-imputat jinsab akkuzat li huwa komplici, irid jaqgha taht wahda mill-kategoriji tassattivament elenkati fl-Artikolu 43 tal-Kapitolu 9, li jistipulaw is-sitwazzjonijiet meta persuna hija meqjusa li tkun komplici f'delitt, u cioe meta:
*"(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*
*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*
*(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*
*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*
*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

[4] Reprint 1986, fol 124.

L-ipotezijiet (a) (b) u (c) ma jattaljawx ghall-kaz odjern.

L-ipotezi (d) tikkontempla li jitqies bhala komplici kull min xjentement jghin lill-awtur tad-delitt. Ghalkemm gie pruvat, anke bl-ammissjoni tal-imputat stess fix-xhieda tieghu, li fuq istruzzjonijiet ta' huh Tony, l-imputat perjodikament kien jigbor envelopp minghand Brenda Carabott u jghaddih lill-istess huh Tony, pero ma giex pruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, u cioe 'l hinn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat kien konsapevoli li huh Tony kien qed jhedded lil Brenda. Il-fatt li l-imputat kien qed jassisti lil huh billi imur igib l-envelopp minghand Brenda ma jirrendihx komplici fid-delitt ta' theddid.

Lanqas jirrizulta mill-provi li l-imputat kien b'xi mod iehor qed jghin lil huh ikompli jhedded lil Brenda. Huwa veru li fix-xhieda taghha, Brenda Carabott xehdet li meta kienet qalet lil Tony Ellul li ma kinietx se tibqa' ittieh iktar flus, l-imputat kien cemplilha u kien kellimha ukoll huh Tony, u t-tnejn qalulha li se jpattuhielha. Pero fl-ewwel lok din il-prova mhix wahda li wahedha twassal ghal sejbien ta' htija sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, stante li din kienet konversazzjoni bejn tlieta min-nies fuq it-telefon, u l-Qorti ma tistax ragonevolment teskludi li Brenda Carabott fil-kunfuzjoni tal-argument verbali bejn it-tlieta li kienu qed jitkellmu, fixklet il-vuci tal-imputat ma' dik ta' huh. Fit-tieni lok, u dan huwa iktar importanti, dan l-incident jidher li gara fl-ahhar meta Brenda iddecidiet li ma tatix iktar flus lil hu l-imputat Tony,[5] u fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss – ghax din il-Qorti kif diga qalet mhix konvinta sal-grad rikjest fil-kamp kriminali – l-imputat hedded darba lil Brenda, dan se mai kien ifisser li l-imputat kien ko- awtur fid-delitt ta' theddid, izda mhux li l-imputat kien komplici ta' dan id-delitt, kif inhi limitata l-imputazzjoni in kwistjoni.

L-ipotezi (e) tikkontempla li persuna titqies bhala komplici jekk tkun xewxet jew sahhet il-volonta ta' persuna ohra biex tikkommetti reat. Fil-atti processwali ma tirrizulta l-

[5] Ara xhieda ta' Brenda Carabott a fol. 34-35 tal-process.

ebda prova li l-imputat kien ixewwex jew isahhah il-volonta ta' huh Tony sabiex dan tal-ahhar ikompli jhedded lil Brenda biex johdilha il-flus. Il-fatt li l-imputat kien imur igib l-envelopp minghand Brenda, ma jfissirx li l-imputat kien qieghed b'daqsekk isahhah il-volonta ta' huh Tony biex ikompli jhedded lil Brenda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 249 u 43 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u qieghda tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------